MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 529/2002

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Paul Mizzi u martu Marthese Mizzi**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tliet mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm4,335.00) rapprezentanti import ta' hdax-il (11) kambjala, wahda ta' Lm335 u ghaxra ta' Lm400 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu, 2001, sa' Gunju, 2002, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 11 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-3 ta' Settembru, 2002, jammontaw ghal Lm243, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-22 ta’ Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg.